MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 815/2006

Universal Publicity Services Limited (C6191)

vs

Maltco Lotteries Limited (C32326)

Il-Qorti:

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Frar, 2011;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghall-provvediment dwar jekk ix-xhud ic-Chairman tal-Privatisation Unit setghax jixhed kif mitlub illi jaghmel permezz ta’ Mandat ta’ Tahrik ta’ xhieda akkordat mill-Qorti u mahrug fit-2 ta’ Novembru 2010 fejn ic-Chairman tal-Privatisation Unit gie mitlub sabiex jixhed dwar ir-request for proposal mahruga fis-sena 2001 u illi permezz taghha gew mistiedna proposti ghall-immanigjar tad-Dipartiment tal-Lottu u l-Lotteriji u

sabiex jesebixxi l-proposta u d-dokumenti kollha li gew sottomessi minn Maltco Consortium;

Illi l-Qorti rat illi c-Chairman tal-Privitisation Unit huwa xhud dikjarat fil-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici u illi s-socjeta' konvenuta dahlithom ukoll bhala xhieda sabiex jixhdu ukoll fuq il-process ta' aggudikazzjoni fl-ghoti ta' licenzja ghat-tmexxija tal-loghbiet tal-Lotterija Nazzjonali;

Illi l-Qorti rat illi l-Artikolu 558 tal-Kap. 12 jghid illi :

"Kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet."

Inoltre l-Artikolu 561 tal-Kap. 12 jghid hekk :

"Il-Qorti tista' tistaqsi lill-parti li toffri prova l-oggett ta' dik il-prova."

Illi fil-kaz de quo l-oggett tal-prova gie dikjarat waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2011 u kien sabiex jigi ppruvat illi s-socjeta konvenuta arrikkiet lilha nnifisha indebitament ghad-danni tas-socjeta attrici u dan skond l-istess premessi li ghamlet is-socjeta' attrici fir-rikors guramentat taghha;

Ghalhekk, il-Qorti tara illi ix-xhud ghandu jinstema u jipproduci id-dokumenti kif gie mitlub illi jaghmel, u dan fl-interess tal-gustizzja u tat-tfittxija tal-verita.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------